# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 273 – It-Tlieta 5 ta' Novembru 2013 (b'urġenza)

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻATI

Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier Mario Cachia

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva komunikat mingħand l-imsemmija kunsilliera fejn qalu li minħabba li l-avviż tas-seduta wasal f'ħin qasir, talbu li jkunu skużati. Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tintlaqa'.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 14. Ħatra ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva Memo 26/2013 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex kull kunsill isejjaħ laqgħa b'urġenza li fiha tiġi approvata l-ħatra ta' żagħżugħ jew żagħżugħa mil-lokal tagħhom ħalli jkun l-ambaxxatur jew ambaxxatriċi tal-Vot 16 fil-lokalità tagħhom.

L-ambaxxatur jew l-ambaxxatriċi ser ikollhom id-dritt li jattendi l-laqgħa tal-Kunsilli Lokali bil-jedd li jistgħu jidħlu fid-diskussjoni imma mingħajr id-dritt tal-vot. Dawn iridu jkunu ta' età bejn 16 u t-18-il sena u jrid ikollhom il-kunsens tal-ġenituri tagħhom.

Is-Sindku kompla jgħid li kien irċieva komunikat minn numru żgħir ta' żgħażagħ li urew interess. Dan in-numru seta' kien ikun akbar li kieku kien hemm aktar żmien biex iż-żgħażagħ kollha tal-lokalità kienu jiġu infurmati. Madankollu, dan ma setax isir minħabba n-nuqqas ta' żmien billi l-persuna trid tintgħażel sa nhar il-Ġimgħa 8 ta' Novembru.

Huwa għalhekk ippropona li għandna nagħżlu lil Clara Grixti li hija s-Sindku tal-Kunsill taż-Żgħażagħ billi din kien ġiet magħżula miż-żgħażagħ stess.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2. Żvilupp fi Triq Dr Nikol Zammit, Dun Manwel Zammit u Mdina.

Is-Sindku qal li hemm quddiem il-MEPA applikazzjoni PA6450/06 sabiex isir proġett ta' *housing* soċjali fuq propjetà tal-Gvern li tinsab fl-imsemmija toroq. Din tinkludi 75 appartament li minnhom 16 huma *sheltered housing*, 107 spazju għall-parkeġġ, u faċiltajiet oħrajn għall-persuni b'diżabilità.

Huwa kompla jgħid li bħala Kunsill irridu nresqu l-ilmenti u s-suġġerimenti tar-residenti li xi wħud minnhom għandhom xi riżervi u suġġerimenti. Għalhekk ippropona li ssir laqgħa pubblika nhar is-Sibt 9 ta' Novembru. Għal din il-laqgħa se jkun mistieden il-perit inkarigat mill-proġett.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis.7.30pm.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2013.**